Il-Gvernatur laqa' t-talba ta' dan in-Nutar u tah is-setgħa li ġiet mitluba għal Calleja, biex dan ikun jista' jxandar il-kuntratti li jiġu miktuba minn Trionfi.

* * *

Min qara din il-kitba tagħna, ma għandux jaħseb li, fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta, in-Nutari li saru kienu dawk biss li semmejnaaħna. Le; xejn minn dan kollu. Barra dawk li ġibna, saruxi oħrajn ukoll. Biss, dawk li fit-talba tagħhom ma kien hemm xejn fihom ta' min ikun jafu, qtajniehom barra u ma semmejniehom xejn. F'dina l-kitba ġibna l-ewlenin Nutari li saru. Ma' dawn semmejna wkoll oħrajn li, fit-talbiet tagħhom, kien hemm tagħrif li seta' jitfa' xi xaqq dawl dwar din il-professjoni fil-qagħda tagħha ta' kif kienet dari. U b'hekk wieħed seta' jieħu ħjiel aktar sewwa ta' kif kienu jsiru n-Nutari fl-ewwel snin tal-Ħakma Ingliża f'Malta.

**Ġużè Gatt.**

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY
MALTA

# IMĦABBA U MIBEGĦDA

(ĠRAJJIET TAL-BAĦAR)

*Lil Dr. C. Mifsud Bonnici.*

Fix-xefaq għadha tħammar l-aħħar dija
tax-xemx sajfija:
fuq wiċċ il-baħar, mewġa
tgħaddi ħafifa, u tmelles
il-blat hi-u-għaddejja. Il-ħdura
tas-siġar fuq ix-xatt, tħalli xbihetha
ġo l-ilmiet nadifa.
Thennik u tgħaxxqek tabilħaqq id-daħka
kbira, rżina, ferrieħa,
li tidħak in-natura!

Ħafifa donnha tajra,
taqbeż minn tarf ta' blata xbejba ħelwa
—ħaddejha ħawħa u ġenbejha sħaħ.
Il-mewġ bil-għira min jilħaqha l-ewwel
jersaq għal fejnha,
igħannaqha,
iħaddanha,
u jbus dlielha tad-deheb, u ġbinha ħlejju.

'Sabiħ il-baħar,'—tgħajjat hi—'ħanina
l-Id tal-Imgħallem.'
fil-waqt li żżiġġ u togħd's u ddur u taqdef,
u ssieħeb it-tbissima ta' xuftejha
mat-tbissima tal-baħar, u tax-xmejxa
li nieżla... nieżla.

*

Imma, x'imkien fil-bogħod, bejn sema w ilma,
il-baħar qam fuq tiegħu:
ħalel jinbarmu,
jitfarrku,
jgħannu l-għanja ta' qilla,
jogħlew mogħla s-smewwiet, u jerġgħu
jitfarrku... jitfarrku.

Bil-mewt fuq wiċċu, jaqdef, jaqdef, jaqdef,
u sidru jaħbat mal-mewġiet imgħaddba,
il-Baħħâr bla saħħa.
Qalil il-baħar, u qalila l-fehma
Ta' dak il-bniedem,
il-fehma mkebbsa
bin-nar tat-tama kbira,
li dalwaqt jilħaq... dalwaqt....
l-art tal-ħelsien.

—Uliedi—jgħajjat,
u quddiem l-għajnejn ta' ruħu
jilmaħ resqin
it-tfal, xbihat il-ferħ u s-saħħa. O x'hena
tixref ma' ħarsithom!
Xi ħlewwa
bħal dik li tbexxaq fuq il-ġuf ta' warda!
U f'dan il-ħin ta' seħer
tfiġġ dlonk il-ħajja fuq xuftejh. It-tama,
l-aħħar sultana,
tħares titbissem fuq il-mewġa mħawda
ta' ħsebijietu.

B'għajnejh itajru n-nar, jaqdef u jaqdef,
jiggranfa kullimkien,
kullimkien jerħi
għall-qabda tiegħu.
U fl-aħħar
il-ġisem li min jaf f'miljet żgħużitu
kemm ħadem u kemm ħabrek,
Issa taħt il-mewġ nieżel... nieżel...
jintrefa' 'l fuq ħarira, u jerġa'
nieżel... nieżel.

*

Ħafifa,
ferħana,
daħkana,
titwieżen fuq ġenbejha,
tmelles ħaddejha



ma' wiċċ il-baħar, safi bħal kristall, u ħiemed,
ix-xbejba---warda fis-sejħiet ta' mħabba.
L-imħabba
li ġibditha bis-sħiħ
lejn il-baħar sabiħ,
ma kinetx isħaħ mill-mibegħda kbira
f'qalb il-baħħâr, imsejken!
fl-aħħar ħin
meta,
bid-dawl ta' l-aħħar tama jixgħel ħsiebu,
kien nieżel... nieżel,
nieżel.

ĠUŻÈ CHETCUTI.

Marzu, '36.

# IL-MALTIN F'LEPANTO

Meta l-Papa San Piju Ħamsa samma' leħnu u sejjaħ lil kollha kemm huma s-Slaten ta' l-Ewropa, sabiex jerħulha lejn Ċipru u jikkumbattu l-infidili, li kellhom għaqda ta' xwieni l-aktar qawwija ta' mitejn u ħamsin biċċa, l-Ordni ta' San Ġwann għamel ħiltu kollha u b'rjieda sħiħa laqa' dik is-sejħa tal-Kap tal-Knisja. U għad li huwa kien għadu għajjien mill-għawġ li kien għadu kemm għadda minnu— ftit snin qabel kien żamm dak l-Assedju li qatt ma jintesa għal aktar minn tliet xhur sħaħ b'għaġeb ta' kollha kemm hija d-dinja; kien nefaq il-flejjes kollha tat-teżor għall-bini, li kien għadu jissokta, tal-belt Valletta; kien ukoll, ftit qabel, sofra dik it-telfa tax-xwieni minħabba n-nuqqas ta' għaqal tal-ġeneral S. Klement (li għalhekk kienet inqat-għetlu għall-mewt) b'dan kollu l-Grammastru Pietro Del Monte laqa' l-istedina tal-Papa, u bagħat f'Messina, port